MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1947/2004

**David Micallef (ID 238171M)**

**Vs**

**Agius Carla**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Ottubru 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuta thallas is-somma ta' Lm494.83 (erba` mija erbgha u disghin Lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu) rapprezentanti danni ikkagunati f'incident awtomobilistiku li sehh gewwa l-Gzira nhar it-2 ta' Settembru 2004.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Kundanna lill-konvenuta biex thallas lill-atturi, in linea ta' danni, Lm494.83, liema danni l-attur garrab in seguitu ghal incident stradali li sehh il-Gzira fit-2 ta' Settembru

2004 bejn Mazda EAV 575 misjuqa mill-attur u Cordoba JBE 656 misjuqa mill-konvenuta liema incident sehh tort tal-konvenuta.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-llum ai termini tal-Kap 104 u Lm11.80 (Fiscal Receipt D3017319) ghal parir u ittra – kontra l-konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

It-talba qed tigi kontestata stante li hija ma tahti xejn ghall-incident mertu ta' din il-kawza ghal-liema incident jahti unikament l-attur li ma kienx qed izomm proper “look out” u baqa` diehel fil-vettura misjuqa mill-konvenuta li kienet wieqfa fil-mument tal-habta.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-kollizjoni in ezami okkorriet fi triq principali bhal ma hi Triq il-Gnien, fil-Gzira. Il-konvenuta harget bil-vettura taghha b'lura minn garaxx ftit il-fuq mid-dawra li taghti ghall Ta' Xbiex. Mhux hekk biss, izda ma kellha lill hadd jew fuq il-bankina jew fit-triq biex jaralha halli tkun tista` timmanuvra. F'dan il-kuntest in-nuqqas tal-konvenuta huwa mill-aktar grossolan u inprudenti. Ovvjament il-versjonijiet tas-sewwieqa rispettivi ma jaqblux. Din mhux xi haga gdida!

L-attur jallega li baqghet diehla go fih waqt li ghaddej minn quddiem il-garaxx taghha. Il-konvenuta tallega a contrario li fil-mument tal-habta kienet wieqfa tistenna l-bieb tal-garaxx jinzel!

Illi ghal darba sar intervent minn testimone okulari. L-versjoni ta' min, sia ‘a tempo vergine’ u sia min meta tat ix-xhieda taghha, tikkombacja ma' dik tal-attur. Fil-mument tal-habta, il-konveuta kienet miexja (vide Fol 19 u 22)!

Illi l-quantum tad-danni ma giex kontestat u qed jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jiddikjara lil konvenuta unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' u jikkundannha thallas is-somma ta' Lm494.87 (erba` mija erbgha u disghin Lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) in linea ta' danni, bl-ispejjes u interessi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------